# Editorjal

Meta jgħaddi ż-żmien u l-festi jkunu għaddew issib li dan il-ktejjeb biss jibqa' bħala tifkira dejjiema ta' dak li nkunu għaddejna minnu. Għalhekk il-Kumitat Festi Esterni ta' Corpus Domini u San Pawl kien ewlieni fil-ħsieb tiegħu li jibda sa mill-1977 jippubblika dan il-programm flimkien ma' tagħrif dwar il-festi, l-armar, in-nar, il-Kolleġġjata u l-Każin San Pawl. Ippruvajna matul iż-żmien li nħallu dokumentazzjoni storika kif ukoll ta' tradizzjoni popolari fuq dak kollu li jmiss mal-parroċċa tar-Rabat. Illum meta wieħed iqalleb dawn il-kotba li jgħoddu mad-29 wieħed żgur japprezza l-ħafna xogħol li sar minn numru kbir ta' nies biex illum nistgħu ngħidu dan.

Illum qed nipproduċu ktieb imdaqqas mimli ritratti ħafna minnhom bil-kulur bi preżentazzjoni li tolqot l-għajn. Dan lilna jagħmilna kburin li nistgħu b'sodisfazzjon ngħidu li ħriġna ta' rġiel kemm mal-qarrejja kif ukoll ma' dawk li ta' kull sena jirreklamaw f'dan il-ktieb. Uħud minn dawn ta' l-aħħar ilhom għal snin twal issa ifittxu li jkollhom reklam f'dan il-ktieb għax jemmnu li barra li jkunu qed jigwadanjaw huma jkunu wkoll qed jgħinu biex din ix-xi ħaġa tant tajba tibqa' għall-ġid ukoll tar-Rabat.

Barra minn dan il-festi tagħna llum igawdi wkoll mis-servizz tal-*website* u tar-Radju Pawlin li jkomplu jgħaqqdu l-komunità tar-Rabtin Pawlini mxerrda mad-dinja kollha speċjalment fejn jiltaqgħu ħafna emigranti Rabtin. Ma rridux ninsew li barra dawk li jiġu ta' kull sena għall-festa jeżistu oħrajn li minħabba xi raġuni jew oħra ma jistgħux jipparteċipaw b'mod dirett. B'dawn is-servizzi ta' kwalità nistgħu niffaċilitaw dan.

Matul din l-aħħar sena kompla l-ħafna xogħol volontarju biex jitranġa l-maħżen u jissewwa xi armar filwaqt li l-grupp tan-nar reġa' għal darb'oħra pprepara programm mill-aqwa. Għal dan l-għan ittellgħu attivitajiet ta' ġbir ta' fondi bħal ikliet, *barbecues* eċċ. Is-sajf li għadda kellna wkoll fostna ż-żjara ta' grupp kbir ta' Ġermaniżi mill-Bavarja u flimkien organizzajna *Octoberfest*. Dawn l-okkażjonijiet kienu suċċess dovut għal ħafna xogħol li twettaq minn tant żgħażagħ, irġiel u nisa ta' kull età li ħadu ħsieb jarmaw, isajru, inaddfu eċċ. Benefatturi oħrajn ipprovdew dak li kien meħtieġ biex jittaffew l-ispejjeż. Fuq dan kollu taqraw aktar f'dan il-ktieb.

Inħoss però li minbarra li nawguraw lil xulxin il-festi t-tajba naħseb li wasal il-mument ukoll li nibdew minn issa naħsbu kif l-aħjar li niċċelebraw l-1950 sena mill-miġja ta' San Pawl fostna fl-2010. Min jiftakar iċ-ċentinarju ta' l-1960 jaf kemm ta' qabilna rnexxielhom jiċċelebrawh bil-kbir. Nemmen li aħna kapaċi wkoll nagħmlu l-istess però ma rridux inħallu għall-aħħar. Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min ta sehmu speċjalment fil-produzzjoni ta' dan il-ktieb minn qalbna nixtiequ l-festi t-tajba lil kulħadd!

# San Pawl

## *Xbiehat Popolari fis-Santi*




1

Ma' l-iżvilupp ta' l-istampar bdiet u mxiet id-drawwa li jiġu stampati xbiehat ta' qaddisin li wħud minnhom kisbu proprju l-popolarità tagħhom bit-tqassim ta' l-istess santi. Fost l-aktar suġġetti popolari fil-qasam tas-santi stampati hemm bla dubju il-Madonna taħt id-diversi titli tagħha u Sidna Ġesù fi stadji differenti f'ħajtu speċjalment fl-immaġini tiegħu msallab. Imbagħad hemm diversi qaddisin li ħafna drabi minħabba li ġew iddikjarati bħala protetturi ta' diversi kundizzjonijiet fil-ħajja saru aktar popolari minn oħrajn. Fost dawn hemm Sant'Antnin, Santa Luċija, Santa Rita, San Ġużepp ta' Copertino, San Rajmondu Nonnatu , Sant'Anna u San Ġwakkin u San Ġużepp. San Pawl ukoll igawdi popolarità f'dan il-qasam iżda għall-kollezzjonisti tas-santi joffri sfida akbar sabiex wieħed isib numru ta' santi differenti.

Is-santi li ħafna drabi nsibuhom fil-qies klassiku tagħhom ta' 6ċm bi 11-il ċentimetru bdew jiġu stampati fl-Italja. Dan jista' jkun dovut għall-fatt li l-kapitali ta' dan il-pajjiż għadha sal-lum iċ-ċentru tal-Knisja Kattolika. F'dawn is-santi li qed nipproduċu minn kollezzjoni privata nistgħu nieħdu idea ta' l-ikonografija differenti ta' San Pawl kif insibuha fl-istess santi, li taqta' għal xi eċċezzjonijiet, instabu kollha f'Malta. Uħud minn dawn is-santi nsibu li jfakkru b'kitba fuq in-naħa ta' wara ordinazzjonijiet ta' saċerdoti u patrijiet Maltin jew talbiet oħra b'invokazzjonijiet favur is-sliem u l-ġid ta' Malta pajjiżna. Dan minħabba l-fatt li l-Appostlu Missierna San Pawl hu wkoll il-qaddis protettur ta' Malta.

Diffiċli ferm inkunu nafu d-data ta' meta ġew stampati dawn is-santi. Ħafna drabi fuq wara nsibu biss id-data ta' l-imprimatur tat-talba stampata flimkien mal-firma tad-dinjitarju ekkleżjastiku li jkun approva l-istess talba. Però dan ma jfissirx li s-santa tkun ġiet stampata f'dik id-data. Madakollu l-kwalità ta' l-istampar tas-santa nnifisha jagħti ħjiel ta' meta bejn wieħed u ieħor oriġinat.

Madankollu wieħed ma jistax ma jitpaxxiex bil-ġmiel ta' whud minnhom u ma jaffaxxinax ruħu mid-differenzi f'dik li hi ikonografija, it-tipa ta' stampar u d-dekorazzjonijiet li jdawru dawn l-immaġini.

Dawn huma wħud mis-santi li qed nirreferu għalihom:

1. **L-ewwel santa tmur lura għal nofs is-seklu tmintax. Hija fil-fatt inċiżjoni li turi lil San Pawl f'mument ta' talb bil-ktieb u s-sejf li huma sinonimi kważi fis-santi u l-immaġini kollha. Xogħol ta' Car Van Merlen.**
2. **Santa stampata fl-Italja.**
3. **Santa stampata bil-kulur. San Pawl jidher f'immaġini popolari ħafna. It-talba fuq wara hi miktuba bit-Taljan.**
4. **Santa Franċiża b'immaġini bil-kulur xogħol ta' P. Suisse.**
5. **Santa Taljana. Immagini popolari wkoll f'Malta. It-talba fuq wara ġġib id-data ta' l-1898.**
6. **Santa ċkejkna stampata b'żewġ kuluri biss. Fl-isfond fil-bogħod tidher il-Bażilika ta' San Paolo fuor le Mure f'Ruma. Din hi santa li tikkomemora l-25 sna mill-ordinazzjoni ta' Dun Karm Bezzina, Birkirkara 1947.**
7. **Santa Taljana li turi pittura popolari xogħol ta' Fra Bartolomeo. Tfakkar fuq wara l-ordinazzjoni ta' P. Mikiel Galea SJ f'Turin fl-1943.**

2



3




4




5




6




7






8




9




10




11




12




13




14




15

8. Santa oħra Taljana li turi dettall minn mill-pittura deskritta f'numru 7. Ritratt ta' Alinari.
9. Santa Belġjana bil-kulur li turi lil San Pawl f'qagħda mhux tas-soltu jżomm skroll f'idejh. Hija stil art Nuoveau u ġġib id-data ta' l-1927.
10. Santa li turi l-konverżjoni ta' San Pawl stampata fl-Italja. Fuq wara fiha stampata talba bit-Taljan li ġġib id-data ta' l-1938.
11. Santa li tixbaħ dik numru 5 li iżda turi lil San Pawl bil-kulur u warajh il-bażilika tal-Vatikan. Fuq wara stampata talba bit-Taljan bid-data ta' l-1916.
12. Fost waħda mill-aktar santi interessanti u rari. Fuq wara bid-data ta' l-1903, stampata bil-kulur u turi lil San Pawl fil-pożizzjoni li għamlu Melkjorre Gafà fuq xtajta. Fuq wara tiegħu jidher il-ġifen waqt in-Nawfraġju. Kurjuż il-fatt li din hi santa Taljana u t-talba fuq wara ma tirreferi mkien għal Malta iżda titlob lil San Pawl biex jgħin lilna il-bnedmin fil-perikli u d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom fil-ħajja.
13. Santa Franċiża f'forma ta' *bookmark*. Hija stampata b'kulur wieħed.
14. Stampata f'Milan b'kulur wieħed u tixbaħ ħafna lil numri 5 u 11.
15. Detall bil-kulur tal-pittura ta' Raffaello li tinkludi l-Madonna u Santa Cecilia fost oħrajn. San Pawl jidher qed jaħseb. Din is-santa tikkommemora l-ordinazzjoni ta' Fr. J. Orr SJ f'Ruma 1944.
16. Santa bil-kulur tixbaħ lil numri 5, 11 u 14 stampata fl-Italja.

16







17

18




19







20




21

17. Santa Taljana bil-kulur li turi lil San Pawl quddiem bini Ruman iffirmata ZF. Fuq wara tikkommemora l-ordinazzjoni ta' Fr. Mario Scerri MSSP fl-1960.
18. Stampata fl-Italja wkoll u turi lil San Pawl quddiem il-Bażilika ta' San Paolo, Ruma. Fuq wara tikkommemora l-istess avveniment bħal dik numru 17.
19. Santa Taljana oħra li turi lil San Pawl quddiem tliet nixxiegħat ta' ilma, probabbilament jirreferu għat-*Tre Fontane* f'Ruma. Fuq wara tikkommemora l-ordinazzjoni ta' Dun Lawrenz Sciberras fl-1973.
20. Din is-santa turi wkoll lil San Pawl quddiem il-Bażilika ta' San Pawl f'Ruma. Fuq wara tfakkar il-ġublew tal-fidda tal-Kan. Amabile Camilleri fl-1959.
21. L-aħħar santa turi lil San Pawl tal-mużajk li jinsab fl-Abbazija annessa mal-Bażilika ta' San Pawl fejn jinsabu l-fdalijiet tiegħu sal-lum. Fuq wara tfakkar l-ordinazzjoni ta' Dun Karm Curmi f'Ruma 1984.

**Lejla Maltija 2006**

*Fuq iz-Zuntier tal-Parroċċa*

**Il-Ġimgħa 23 u s-Sibt 24 ta' Ġunju**

Ikun hemm kantanti popolari
u ikel tradizzjonali Malti

**Ser jintwerew il-logħob
tal-'world Cup' fuq 'big screen'.**

***Dħul b'xejn***





